MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 4

11 ta' Settembru 2019

Minuti tas-seduta Nru. 4 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 11 ta' Settembru 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini u K. Buttigieg ġibdu l-attenzjoni għall-minuta 5.11.4. **(Ref: P/10/34)** tas-seduta ta' qabel u talbu li din tinqara kif ġej:

*"5.11.4. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna li huwa ddiskuta dawn il-proposti mal-Kunsillieri A. Brincat Stellini u K. Buttigieg minħabba ir-responsabbilitajiet rispettivi tagħhom b'rabta ma' proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej u l-isports. Kompla jgħid li d-data tal-għeluq ta' l-applikazzjonijiet hija t-30 ta' Settembru 2019. Huwa qal li kemm-il darba l-Kunsill japprova l-proġett, huwa ser ikun qed jaħdem mal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral sabiex titħejja l-formola tal-applikazzjoni.".*

1.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 5.30.5. **(Ref: N/1/Vol II)** u talbet li din tinqara hekk:

*"5.30.5. Is-Sinjura A. Brincat Stellini spjegat li l-Premju Anzjanità Attiva huwa mqassam f'diversi taqsimiet, li hija semmiethom waħda, waħda. Hija pproponiet li s-Sur Paul P. Borg jiġi nnominat għall-Premju Anzjanità Akkademika, filwaqt li Mro. Paul Abela jiġi nominat għall-Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali u liċ-Ċentru Anzjanità Attiva għall-Premju Anzjanità Sportiva.".*

1.4. Il-minuti tas-seduta Nru. 3 tat-12 ta' Awwissu 2019 ġew approvati bl-emenda t'hawn. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Talba għal-laqgħa mal-Kunsill (T/3/3/Vol IV)(F/1/31)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 5.2.1. tas-seduta preċedenti, fejn kien hemm qbil li għandu jattendi l-Onor. C. Bartolo dwar il-pjanijiet tal-Kunsill għall-ħames snin li ġejjin.

2.1.3. Is-seduta ġiet sospiża biex isir l-intervent mitlub. L-Onor. C. Bartolo qal li huwa qed jiltaqgħa mal-Kunsilli Lokali tat-12-il Distrett sabiex isir aktar konxju tal-materji li qed ixekklu l-ħidma tagħhom jew proġetti li jixtieqPu jwettqu, u fejn huwa possibbli huwa jgħin biex l-affarijiet jimxu.

2.1.4. Is-Sindku D. Vella kkummenta li:

- Attwalment qed isir sforż flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġi kkontrollat l-ipparkjar u l-użu tal-*caravans*, partikularment f'żoni kostali. Huwa qal li wasal iż-żmien li l-gvern ċentrali jidentifika post jew postijiet addattati għalihom;

- Is-sitwazzjoni tat-traffiku fil-manikata qed toħloq frustrazzjoni għar-residenti u għalhekk huwa importanti li jkun hemm rotta oħra 'l barra minn dan ir-raħal li tkun tista' takkomoda l-volum kbir li qed jgħaddi;

- Huwa meħtieġ li jsir pjan għall-immaniġġjar tal-imsaġar ġewwa l-Aħrax flimkien mal-Awtorità tal-Artijiet u l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti – Mellieħa;

- Aktar konsultazzjoni mill-entitajiet governattivi mal-Kunsill fir-rigward ta' materji li jolqtu l-lokalità. Bħala eżempju ssemma li fil-każ ta' applikazzjonijiet li jinvolvu l-Awtorità tal-Ippjanar, li ma jirrigwardawx proġetti maġġuri, ir-rappreżentazzjonijiet li jsiru mill-Kunsill Lokali jingħataw l-istess valur daqs dawk li jsiru mill-pubbliku in ġenerali.

2.1.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qajjem il-punti li ġejjin:

- Kontroll fuq l-użu tal-parkeġġ ippjanat biswit il-Mellieħa Bay Hotel, li ser jitwettaq minn Projects Malta. Huwa qal li kemm-il darba dan ma jkunx ikkontrollat, ser jispiċċa f'*caravan site* tul il-perjodu tas-sajf u għaldaqstant ma jintlaħaq l-għan li għaliħ ikun sar; u

- Triq li telimina l-volum tat-traffiku li attwalment qed jgħaddi mill-Manikata billi jitkompla l-programm tal-TEN-T u ssir triq li tgħaqqad Triq Lewis Wettinger u l-*bypass* ta' San Pawl il-Baħar.

2.1.6. Il-Kunsillier I. Castillo qal li hemm bżonn issir aktar infurzar tal-liġijiet, partikularment fit-toroq ewlinin u oħrajn bħat-triq tal-Miżieb fil-Ħdud u l-Festi. Għaldaqstant ikun jagħmel sens li l-Gvern Ċentrali jinkludi l-Mellieħa fil-proġett tal-*cameras* tas-sigurtà li qed jiġu nstallati, illi ċertament jiffaċilitaw l-infurzar tal-liġi proprju fil-ħin li huwa meħtieġ.

2.1.7. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għall-proġett dwar ir-rijabilitazzjoni tal-Bajja tal-Għadira, li jinvolvi nterventi dwar l-immaniġġjar tal-mewġ u xogħlijiet oħra fil-baħar (PA 1820/18) u qal li huwa importanti li fl-ippjanar tiegħu jkun hemm konsultazzjoni mal-Kunsill.

2.1.8. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-kuntatti li diġa kien hemm mal-applikant Projects Malta Ltd. Huwa qal ukoll li l-Kunsill preċedenti kien talab konsulenza dwar l-istess project mid-ditta A.I.S. Environmental Ltd dwar l-impatt ambjentali li dan il-proġett jista' iħalli. Qal ukoll li saru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll mal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi dwar l-applikazzjoni PA 1820/18.

2.1.9. Il-Kunsillier K. Buttigieg appella sabiex ikun hemm għajnuna mill-Gvern Ċentrali biex tingħeleb problema kkawżata bid-dħul tal-ilma fid-*dressing rooms* tal-Park tal-Familja. Huwa qal li l-ilma qed jidħol minn taħt il-lastiku tal-*court*, filwaqt li fuqu tifforma għadira meta

tagħmel ix-xita. Aċċenna wkoll dwar il-ħtieġa li tinbidel ix-xibka tal-*court* sabiex ma jkunux jistgħu jidħlu persuni mhux awtorizzati. Huwa aċċenna wkoll li hemm tagħmir tal-open air gym li jeħtieġ manutenzjoni, filwaqt li l-art tiegħu trid tinbidel peress li nħoloq spazju bejn iċ-ċangaturi tal-lastiku li jirrenduħ perikoluż.

2.1.10. L-Onor. C. Bartolo qal li huwa se jagħmel dak possibli sabiex iwassal l-punti mqajma lill-awtoritajiet kompetendi.

### 2.2.1. *Gay Pride Week 2019* (T/3/2/Vol XV)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 5.29.1. tas-Seduta Nru. 2 tas-16 ta' Lulju 2019. Issemmiet ukoll iċ-ċirkulari mibgħuta mid-Direttur għall-Gvern Lokali tal-20 ta' Awwissu 2019, fejn ġie avzat li talbiet għall-*pedestrian crossings* bil-kulturi assoċjati mal-LGBTIQ jistgħu jsiru biss bil-permess ta' Transport Malta, b'rabta ma' avvenimenti nazzjonali. Wara li ż-żebgħa tiddeterjora, il-marki tal-karreġġjata għandhom jerġgħu jsiru skont kif stabbilit fir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġjata (L.S.65.05).

2.2.3. Is-Sindku għarraf li minflok ma nżebgħat il-*pelican crossing* ta' Triq il-Marfa kantuniera ma' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, inżebagħ bank bil-kuluri assoċjati mal-LGBTIQ fi Triq il-Qigħan.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. *European Mobility Week 2019* (A/4/5/Vol II)

2.3.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.22.2. tas-seduta preċedenti u għarfet li waqt il-mili tal-applikazzjoni li tinvolvi trasport għall-anzjani, maqbula fis-seduta preċedenti, kien jidher illi l-prospetti li din tiġi approvata kienu baxxi. Għaldaqstant, wara li ttieħed parir, din ġiet mibdula għal oħra li tinkoraġġixxi lir-residenti u t-turisti jagħmlu aktar użu mir-roti fil-lokalità. Din hija ntiża sabiex aktar nies jużaw dan il-mezz għall-qadjiet tagħhom, partikularment fil-qalba tal-lokalità. Ir-riżultati li mistennija jinkisbu bl-implimentazzjoni ta' din il-proposta huma:

- Inqas tniġġis tal-arja fiċ-ċentru tal-lokalità, peress li jintużaw inqas vetturi;
- Bl-użu tar-roti jkun hemm inqas traffiku fit-toroq dojoq fil-qalba tal-parti urbana;
- Titjib fil-kwalità tal-ħajja tar-residenti b'aċċessibilità għal dawk il-persuni li ma jistgħux jużaw roti; u
- Aktar nies jagħmlu eżerċizzju fiżiku.

2.3.3. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.4.1. *Masterplan* dwar it-tmexxija tal-Park tal-Majjistral (A/4/10)(C/4/Vol IV)

2.4.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.17.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-Bord tal-Park tal-Majjistral approva l-proposta sabiex l-binja devoluta lill-Kunsill tinbidel f'mużew dwar il-produzzjoni tal-melħ u l-għasel. Minn naħa l-oħra, il-Bord ma laqax il-proposta tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' *caravan site* f'Tal-Prajjet.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Festi titulari fil-Mellieħa u l-Manikata (F/2/Vol VIII) (F/2/1/Vol I)

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.34.1. tas-seduta preċedenti u kkummentat li l-programm tal-festi msemmija kien fih diversi żbalji tal-ortografija u kien evidenti li ma sarx qari tal-provdi. Hija qalet ukoll li meta dan tqassam kien hemm attivitajiet fih li diġa kienu għaddew.

2.5.3. Ittieħdet nota tal-kummenti li saru.

**2.6.1. Attività li tinvolvi l-għaqdiet sportivi (S/4/2/Vol lll)**

2.6.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.29.1. tas-seduta ta' qabel u qal li d-data tal-attività msemmija fl-14 ta' Settembru 2019, kellha tiġi posposta.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Tindif volontarju (T/6/1Vol IV)**

2.7.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.8.4. tas-seduta ta' qabel u fakkret li l-*clean-up* li jmiss ser issir ġewwa l-Aħrax fil-21 ta' Settembru 2019 mid-9.30am 'il quddiem. Hija qalet ukoll li din ser issir bħala parti mill-attivitajiet tal-kampanja *Clean Up the World* u ser tibbenefika minn €600 taħt l-iskema mnedija mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni tal-*Policy.*

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Tagħrif dwar il-Kunsill u l-lokalità (P/3/2/Vol V)**

3.1.2. Il-Kunsillier I Castillo qal li huwa ġie avviċinat minn emigrant Mellieħi li lmenta miegħu illi hemm nuqqas ta' tagħrif dwar il-Kunsill u l-lokalità għal minn mhux residenti Malta.

3.1.3. Is-Segretarju wieġeb li l-magazin tal-Kunsill jittellgħa fis-sit elettroniku tal-Kunsill, apparti li wieħed jista' jsegwi permezz tal-media soċjali.

**4.0. Tqegħid ta' Karti**

- Rendikont Finanzjarju – Jannar – Ġunju 2019;
- *Purchase Request Form* – 10/09/19;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 23/07/19 – 23/08/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 10/08/19 – 09/09/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

**5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri**

**5.1.1. Festival Medjevali f'Agia Napa / Proġett – *KNOTS - Knowledge, Not Scepticism* (K/1/5/4) (P/10/1/Vol IV)**

5.1.2. Saret referenza għal ittra datata 19 ta' Awwissu 2019, mibgħuta mill-Kunsill Lokali ta' Agia Napa, fejn il-Kunsill intalab jibgħat delegazzjoni ta' tlieta uffiċjali sabiex jitfakkar l-għaxar anniversarju mill-iffirmar tal-ftehim ta' ġemellaġġ mal-Mellieħa. Dan ser isir parti mill-Festival Medjevali li huwa appuntament annwali f'Agia Napa. Il-Festival ser jiżvolġi bejn it-12 u d-19 ta' Ottubru 2019.

5.1.3. Il-Viċi Sindku aċċenna li l-2019 taħbat l-għaxar anniversarju mill-iffirmar tal-ġemellaġġ Mellieħa/Agia Napa u għaldaqstant serata mill-Festival Medjevali ser tkun iddedikata għalih. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li tingħata tifkira tal-okkażjoni. Il-Kunsill approva l-proposta.

5.1.4. Is-Sindku D. Vella għarraf li l-Festival Medjali ta' Agia Napa ser jaħbat fl-istess żmien mal-konferenza tan-KNOTS li ser issir f'Deryneia, Ċipru. Minħabba dan, ser jattendu għaż-żewġ attivitajiet il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier I. Castillo u s-Sinjura D. Fenech Gambin mis-segretarjat tal-Kunsill. Is-Sur J. Buttigieg qal li d-delegazzjoni ser tagħti preżentazzjoni marbuta mat-tema magħżula għall-konferenza li hija: *Origins and reasons for European Scepticism in our Countries*.

5.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.2.1. Użu ta' binja fil-Park tal-Majjistral f'Għajn Tuffieħa (A/4/10)

5.2.2. Sar aċċenn għal ittra datata 28 ta' Awwissu 2019 mibgħuta mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Manikata, fejn saret talba sabiex jitpoġġew l-arbli wżati fil-festa li s'issa kienu jinżammu fil-Knisja l-Qadima, illi dalwaqt ser jibda x-xogħol fuq ir-restawr tagħha.

5.2.3. Saret referenza għall-imejl datat 22 ta' Awwissu 2019, mibgħut mill-Mellieħa Athletic Club fejn intalab li jsir użu tal-istess binja wara li jsir xogħol ta' titjib fiha u jkun hemm il-provista tal-elettriku u l-ilma.

5.2.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-Parroċċa tal-Manikata tista' titħalla tuża il-binja (Tenement E26228) sabiex jitqiegħed l-armar tal-festa bil-kundizzjonijiet segwenti:

(a) Li l-post jintuża għal skopijiet ta' ħażna għall-armar tal-festa, u għaldaqstant huwa pprojbit kwalunkwe użu ieħor;

(b) Mhux qed jiggarantixxi illi l-fond huwa adattat għall-iskop li għalih għandha bżonnu l-Parroċċa tal-Manikata;

(c) Kull darba li jkun meħieġ li jinħareġ, jinħażen, jew issir manutenzjoni fuq l-armar, għandha tintalab iċ-ċavetta mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u ritornata lura; u

(d) Il-Kunsill jista' jirtira l-permess mogħti, wara li jingħata avviż bil-miktub sa tletin jum qabel id-data meta l-fond għandu jiġi żġumbrat mill-armar in kwistjoni.

5.2.5. Fir-rigward tat-talba li saret mill-Mellieħa Athletic Club, kien hemm qbil li l-Kunsill ma jistax joħloq preċedent li huwiex f'pożizzjoni li jirrepetih fir-rigward ta' għaqdiet sportivi oħra, kif ukoll ittieħed in konsiderazzjoni li hemm l-intenzjoni illi l-istess binja tinbidel f'mużew dwar il-produzzjoni tal-melħ u l-għasel.

### 5.3.1. Rotta tal-linja Nru. 101 (T/5/1/Vol II)

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 27 ta' Awwissu 2019, dwar proposta sabiex is-servizz tal-karozza tal-linja Nru. 101 jibda jidħol fi Triq Qasam Barrani, għall-benefiċċju għal min irid iżur id-dar tal-anzjani.

5.3.3. Il-Viċi Sindku qal li diġa kien hemm talba f'dan is-sens lil Transport Malta min naħa tal-Kunsill. It-talba ġiet miċħuda minħabba li kienet tinvolvi distanza itwal fir-rotta skont kif ikkuntrattat bejn Transport Malta u l-Malta Public Transport.

5.3.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni mill-ġdid ma' Transport Malta, fejn jiġi ndikat li l-inklużżjoni ta' Triq Qasam Barrani jista' jiġi kkumpensat billi titqassar ir-rotta fir-raħal tal-Manikata billi tkun tinvoli biss Triq il-Knisja l-Qadima, minflok Triq Dun Manwel Grima, Triq Għasafar, u Triq ix-Xifer.

### 5.4.1. Sistema elettronika għall-immaniġġjar tal-permessi (E/2/1/Vol III)

5.4.2. Sar aċċenn għal Ċirkulari AKL 2019/102 tas-6 ta' Settembru 2019 fejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għarrfet li għamlet sejħa għall-offerti sabiex tiġi ntrodotta sistema komputerizzata dwar l-ipproċessati ta' talbiet għall-ħruġ ta' permessi mill-Kunsill Lokali. Attwalment qed issir l-evalwazzjoni u f'dan l-istadju l-Kunsilli qed jiġu mistoqsija dwar jekk iridux l-Assoċjazzjoni tibda negozzjati f'isimhom mal-offerent magħżul billi jidħlu f'*shell agreement*. Dan il-ftehim ma jorbotx lill-Kunsill biex jiffirma l-ftehim finali.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jingħata l-kunsens għall-iffirmar ta' *shell agreement*.

### 5.5.1. Milied Mellieħi 2019 (A/5/3/7)

5.5.2. Is-Sindku ssuġġerixxa li d-dati ta' Milied Mellieħi 2019 ikunu d-19, 20, 21 u 22 ta' Diċembru minħabba li aktar qabel ser ikun hemm attivitajiet fl-Iskola Primarja, kif ukoll il-villaġġ tal-Milied li jsir fir-Rabat. Is-Sur D. Vella kompla billi ssuġġerixxa li dan isseħħ f'Misraħ il-Parroċċa u l-attivitajiet kollha jkunu taħt tinda, kif kien isir qabel, bl-eċċezzjoni tal-attività li sseħħ fil-Knisja tal-Manikata fid-19 ta' Diċembru. Is-Sur D. Vella ppropona li fl-20 ta' Diċembru fis-7.00pm jiftħu l-i*stands* taħt it-tinda. L-għaqdiet għandhom jingħataw l-opportunità li jkollhom wieħed, filwaqt li bejjieħa oħra jistgħu jagħmlu l-istess bil-permess tal-Kunsill, skont l-ispazju li jkun hemm. Il-Ħadd 22 ta' Diċembru l-i*stands* jiftħu mit-8.00am sa nofsinhar u filgħaxija mis-7.00pm 'il-quddiem. L-attività tat-tfal issir is-Sibt 21 u wara nofsinhar ikun hemm dik tal-anzjani f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

5.5.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-fatt li fl-edizzjonijiet ta' Milied Mellieħi bejn l-2013 u 2018, it-tinda ma ntramatx minħabba konsiderazzjoni ta' spiża, kif ukoll minħabba l-inkonvenjent li kienet toħloq għar-residenti u nuqqas ta' spazju għall-ipparkjar.

5.5.4. Is-Sur D. Vella qal illi l-ideja hija li t-tinda tkun sponsorjata. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-baġit allokat għal Milied Mellieħi huwa €15,000.

5.5.5. Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx ideja ta' spiża fir-rigward tat-tinda. Huwa qal li jrid jittieħed in konsiderazzjoni kemm l-ideja ta' *sponsorship* tista' tibqa' tiġi sostnuta minn għal sena.

5.5.6. Is-Sindku kkummenta li mhux neċessarjament li edizzjonijiet futuri jibqgħu l-istess, u wieħed għandu jbiddel l-affarijiet skont l-opportunitajiet li jkun hemm minn sena għal'oħra.

5.5.7. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa mis-Sindku skont il-minuta 5.5.2.

### 5.6.1. Kampanja dwar is-separazzjoni tal-iskart (K/6/11)

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 6 ta' Settembru 2019 mibgħut mill-Wasteserv, fejn tħabbar tħabbar li b'effett mill-14 ta' Ottubru 2019 ser tinbeda kampanja biex teduka lill-pubbliku fis-separazzjoni tal-iskart. Vettura armata apposta ser tkun ipparkjata f'post li jiġi ndikat mill-Kunsill kull erba' Tlitiet bejn id-9.30am u 1.30pm biex jinġabar polystyrene (jablo), plastik, ħġieġ, karta, kartun, metal, żejt tat-tisjir, bozoz, u tessuti, fost oħrajn. Il-Kunsill qed jintalab jirriżerva erba' spazji f'Misraħ il-Parroċċa sabiex jiġi pparkjat it-trakk.

5.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-aktar post addatat hija Triq Selmun biswit il-Park tal-Familja minn fejn tqassmu l-kontenituri tal-iskart lill-pubbliku ftit xhur qabel.

### 5.7.1. *Speed humps* fi Triq il-Kappella tal-Militar (T/3/2/Vol XV)

5.7.2. Inqrat ittra datata 11 ta' Settembru 2019 fejn intalab li jsiru żewġ *speed humps* fit-triq imsemmija bejn Triq in-Naħħalija u l-post magħruf bħala l-*Guard Room*, peress li hemm tendenża mis-sewwieqa jżidu l-veloċità f'dik il-parti tat-triq.

5.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jirrakkomanda lil Transport Malta sabiex issir *speed hump* waħda fi Triq il-Kappella tal-Militar, kantuniera ma' Triq in-Naħħalija.

### 5.8.1. Sistema ta' *one-ways* fil-Manikata (T/4/1/Vol III)

5.8.2. Inqara imejl datat 19 ta' Awwissu 2019 fejn saret proposta sabiex:

- Triq il-Mejjiesa u Trejqet il-Ħarrub isiru *one-way* 'l isfel;
- Triq il-Manikata issir *one-way* 'l fuq;
- Vetturi li jkunu ġejjin mid-direzzjoni tal-Mellieħa fi Triq il-Knisja l-Qadima għandhom iduru għal Triq il-Biedja;

- Vetturi kbar, inkluż karozzi tal-linja m'għandhomx jitħallew jgħaddu minn Triq il-Wilġa biex jiġi evitat li dawn jgħaddu mill-qalba tal-Manikata.

5.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-arranġament propost jikkawża periklu fil-kantunieri segwenti:

- Triq il-Wilġa ma' Triq il-Manikata;
- Triq il-Knisja l-Qadima ma' Triq il-Mejjiesa; u
- Triq il-Manikata ma' Triq il-Kappella tal-Militar.

5.8.4. Ġie nnutat wkoll li r-rotta tal-karozzi tal-linja Nri. 44 (Għajn Tuffieħa/Manikata/Valletta) u l-101 (Ċirkewwa / Mġarr) jiġu affettwati billi Triq il-Manikata u parti minn Triq il-Kappella tal-Militar ikollha tinqata barra, meta l-karozza tal-linja tkun ġejja miċ-Ċirkewwa, kemm-il darba Triq il-Manikata ssir *one-way* fid-direzzjoni lejn il-Mellieħa.

5.8.5. Sar aċċenn ukoll li fl-2016 saret talba lil Transport Malta sabiex titwessa' Triq il-Manikata bil-għan li jgħaddu żewġ vetturi kbar f'direzzjonijiet opposti.

## 5.9.1. Kumitat dwar Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/3/Vol IV)

5.9.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li l-kumitat imsemmi ltaqa' fis-27 ta' Awwissu 2019 u fejn ġew diskussi miżuri li għandhom jittieħdu immedjatament bħalma huwa l-infurzar tal-arranġamenti tat-traffiku eżistenti, miżuri li jistgħu jittieħdu f'terminu medju bħalma huwa t-tħaddim ta' *minibus shuttle*, kif ukoll il-proġett tal-parkeġġ tal-iskola flimkien mal-mina pedonali li jrid jitwettaq fuq medda itwal ta' snin. Il-Kumitat qabel li għandhom isiru numru ta' kuntatti fosthom mal-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi, kif ukoll mal-Ministru tat-Tranport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

5.9.3. Is-Segretarju għarraf li l-minuti dettaljati tal-laqgħa ser jiġu ċċirkolati lill-membri kollha tal-Kunsill sas-seduta li jmiss.

## 5.10.1. PA 787/06 – *Beach concession* fil-Bajja tal-Għadira (P/5/8/G)

5.10.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li huwa flimkien mal-Viċi Sindku J. Buttigieg attendew għas-smiegħ tal-applikazzjoni msemmija fl-20 ta' Awwissu 2019, fejn inġibdet l-attenzjoni li l-art in kwistjoni hija l-unika parti fejn jingħataw permessi għall-barbecues, skont kif stipulat fil-*Bye-Laws* K.L.B.L 37/02/2017.

5.10.3. Il-Viċi Sindku qal li l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu oġġezzjonat għat-talba sakemm jiġi finalizzat il-proġett ta' Projects Malta Ltd dwar ir-rijabilitazzjoni tal-bajja, skont l-applikazzjoni PA 1820/18.

5.10.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li eventwalment it-talba ġiet irtirata mill-applikant – Mellieħa Holiday Centre Ltd.

## 5.11.1. *Resurfacing* ta' toroq (T/4/7/Vol III)

5.11.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li huwa nfurmat li attwalment Infrastructure Malta qed tfassal programm dwar l-asfaltar mill-ġdid ta' toroq rurali. Huwa ppropona li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-istess aġenzija sabiex isiru toroq li għadhom bil-qatran *(chip and spray).*

5.11.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ddeċieda li ssir talba fuq it-toroq li ġejjin:

- Triq l-Armier iż-Żgħir;
- Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad

- Il-parkeġġ tal-Armier; u
- Il-parkeġġ ta' Paradise Bay (Ċirkewwa).

**5.12.1. Problemi marbuta mal-ipparkjar ta' *caravans*** **(C/4/Vol IV)**

5.12.2. Is-Sindku għarraf li fil-laqgħa li saret mas-Sur Mario Fava – President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – fost materji oħra tqajmet il-kwistjoni ta' inġombru kkawżat minn *caravans* bin-nuqqas ta' postijiet attrezzati għal dan il-għan. Is-Sur D.Vella qal li ttieħdet nota ta' dan il-punt u jidher li l-Assoċjazzjoni ser tittratta din il-problema flimkien ma' lokalitajiet oħra li jista' għandhom problemi simili. Il-laqgħa saret fl-20 ta' Awwissu 2019 u attendew għaliha, flimkien mas-Sindku D. Vella, il-Kunsillieri I Castillo, E. Bartolo, A. Brincat Stellini, u K. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.13.1. *Proġett ADMIN4All*** **(I/3)**

5.13.2. Is-Sindku għarraf li suġġett tqajjem fil-laqgħa li saret mas-Sur Mario Fava – il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli. Kien spjegat li l-proġett ADMIN4All jittratta l-integrazzjoni soċjali u jinvolvi:

- Laqgħa tal-Forum ġewwa Milan f' Ottubru;
- Stħarriġ permezz ta' kwestjonarji li jintbgħatu aktar 'l quddiem;
- Taħriġ li ser isir matul Settembru u Ottubru;
- *Exchange visits*; u
- Avveniment li ser isir fl-2020 li ser ikun qed jiġi orgamizzat bil-kontribuzzjoni u l-proposti tal-Kunsilli Lokali kollha involuti flimkien mal-IOM u AKL

15.13.3 Is-Sindku kompla jgħid li fit-28 t' Awwissu 2019 saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-IOM fuq il-proġett. Fl-istess laqgħa ngħatat ħarsa ta' x'ser ikun mistenni minn kull Kunsill. Huwa qal ukoll li ser isiru serjè ta' sessjonijiet ta' taħriġ bejn is-16 u d-19 ta' Settembru 2019.

5.13.2. Il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-proġett.

**5.14.1. Tlielaq tal-*power boats* fil-fliegu bejn Malta u Kemmuna** **(A/6/3/2/Vol 47)**

5.14.2. Is-Sindku aċċenna li saret laqgħa mal-organizzaturi ta' avveniment imsemmi, li huwa ppjanat li jsir bejn l-20 u t-22 ta' Settembru 2019. Huwa spjega li l-kordinament tiegħu ser ikun fir-Riviera Resort Hotel u fil-parkeġġ tal-Marfa. Dan l-arranġament ikun jeħtieġ kontroll tat-traffiku minn Triq Ta' Msid, kantuniera ma' Triq l-Armier u mar-*roundabout* tal-Marfa. Id-dħul minn Triq Ta' Msid jista' isir f'kull waqt, filwaqt li dak minn mar-*roundabout* tal-Marfa ser ikun ristrett waqt li l-*power boats* jittieħdu mill-parkeġġ sabiex jiġu varati jew jittellgħu mill-baħar. Waqt it-tlielaq mhux ser ikun possibbli l-użu tal-moll u l-iskall li hemm fir-Ramla tal-Bir. L-organizzatturi appellaw sabiex il-Kunsill jgħin fl-organizzazzjoni tal-avveniment billi jipprovdi s-superviżjoni tat-traffiku, jew parti minnha.

5.14.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsiru l-arranġamenti msemmija fil-minuta 5.14.2., kif ukoll li jkopri l-ispejjeż ta' żewġ uffiċjali tal-Pulizija sabiex jikkontrollaw it-traffiku li jidħol fil-Marfa.

**5.15.1. Tiġdid ta' ġemellaġġi** **(K/1/5/Vol V)( K/1/5/3/Vol II)(K/1/5/4)**

5.15.2. Il-Viċi Sindku irrefera għall-ġemellaġġi li l-Kunsill għandu mal-muniċipalitajiet ta' Adenau, Cavriglia u Agia Napa. Is-Sur J. Buttigieg qal li b'mod ġenerali kien hemm skambji regolari minn żmien għal żmien, għalkemm fir-rigward ta' Cavriglia fl-aħħar snin ma kienux daqshekk regolari u allura hemm lok li l-kuntatti jergħu jiġu msaħħa. Huwa ppropona li uffiċjali mit-tliet muniċipalitajiet għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħa fil-Mellieħa bil-għan li jitfassal programm ta' attivitajiet għall-ħames snin li ġejjin bis-sehem ta' għaqdiet volontarji mil-lokalitajiet rispettivi. Huwa ppropona li dawn il-laqgħat sseħħu fit-8, 9 u 11 ta' Novembru

2019, u jieħdu sehem delegazzjonijiet magħmula minn massimu ta' tliet uffiċjali minn kull lokalità.

5.15.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.16.1. Ġbir ta' fondi b'riżq il-Fondazzjoni Inspire** **(D/4/Vol IV)**

5.16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 28 ta' Awwissu 2019 fejn il-fondazzjoni msemmija pproponiet attivitajiet li jistgħu jiġu organizzati mill-Kunsill sabiex jgħinuha fil-kawża tagħha favur il-persuni bi bżonnijiet speċjali.

5.16.3. Il-Kunsill qabel li tista' issir donazzjoni waħda minn fost il-membri eletti u l-impjegati tal-Kunsill.

**5.17.1. Servizz dwar iċċekkjar tas-saħħa** **(M/8/Vol VI)**

5.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 26 ta' Awwissu 2019, mibgħut mill-Malta Health Students Association, fejn offrew li jagħmlu testijiet bażiċi dwar l-istat ta' saħħa ta' persuni waqt attivitajiet tal-Kunsill.

5.17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1. Ħarġa kulturali għal Villa Francia f'Ħal Lija** **(A/5/5/Vol VII)**

5.18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet fis-26 ta' Settembru 2019 issir ħarġa għall-post imsemmi, fejn min jixtieq jattenti jintalab ħlas ta' €8, li nofshom jingħataw donazzjoni lil Marigold Foundation. Hija ssuġġeriet ukoll li spejjeż addizzjonali li jkun jistgħu jiġu rkuprati mill-Fond Soċjali tal-LESA.

5.18.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**5.19.1. Stampar ta' *comic book* għat-tfal** **(1/3/Vol V)**

5.19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet, li permezz tal-Fond Soċjali tal-LESA, għandu jiġi jiġi ddisinjat u stampat *comic book* għat-tfal ta' bejn tmiena u ħdax-il sena li jkun bil-Malti u l-Ingliż sabiex jitqassam lit-tfal tal-Ħames u s-Sitt Sena tal-Iskola Primarja. Hija ssuġġeriet li u stampati 2000 kopja li l-ispiża tagħhom tiġi madwar €3,000.

5.19.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg ssuġġerixxa li dan jitqassam anke lit-tfal li jattendu n-*nursery* tal-futboll, peress li hemm tfal li jattendu skejjel oħra.

5.19.4. Il-Kunsill qabel mal-proposti skont il-minuti 5.19.2. u 5.19.3. aktar 'il fuq, iżda kien tal-fehma li 1,500 għandhom ikun biżżejjed biex ikopru t-tfal residenti fil-Mellieħa ta' l-etajiet imsemmija.

**5.20.1. Inizjattivi mir-Reġjun Tramuntana** **(E/3/1/Vol III)**

5.20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni għal imejl datat 16 ta' Lulju 2019, mibgħut mill-*Foundation for Social Welfare Services*, ħabbru li b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Tramuntana ser jiġu organizzati korsijiet fiċ-*childcare* fl-Uffiċċju tal-istess Reġjun, filwaqt it-*tutorials* isiru fiċ-Ċentru tal-LEAP fil-Qawra. Dawn il-korsijiet diġa bdew, iżda kemm-il darba jkun hemm domanda għalihom, jistgħu jerġgħu jsiru.

5.20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.21.1. Periklu fil-bitħa tad-Dar tal-Anzjani Madonna tal-Mellieħa** **(P/2/1)**

5.21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li għadu qed jinħoloq periklu fil-post imsemmi peress li qed jintefa' ġebel mid-direzzjoni ta' Ġnien il-Qigħan.

5.21.3. Wara diskussjoni, l-Kunsill kien tal-fehma li l-problema ma tistax tiġi rimedjata billi jogħla il-*wire netting* li diġa hemm bejn il-ġnien u d-dar tal-anzjani. Għaldaqstant kien hemm qbil li din il-materja għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komunità sabiex isiru *patrols* minn naħa tagħhom.

## 5.22.1. Puġġaman fi Ġnien tas-Salib (P/4/22)

5.22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li hemm parti mill-ġenb tal-ġnien imsemmi li tħares fuq Triq il-Kbira, fejn mhemmx puġġaman minkejja li jistgħu jaqgħu t-tfal. Hija għaldaqstant appellat sabiex dan isir.

5.22.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 5.23.1. *Children's Right to Participate* (T/11)

5.23.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarfet li hija attendiet laqgħa organizzata mill- mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* bil-kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà u *The Malta Foundation for the Wellbeing of Society,* fejn il-Kunsilli ntalbu informazzjoni dwar kif qed inqattgħu l-ħin liberu t-tfal fil-lokalità. Minkejja li t-tfal huma assorbiti mit-teknoloġija, wieħed irid jara jekk l-ambjent li jgħixu fih huwiex jipprobihom milli jipparteċipaw f'attivitajiet oħra, bħalma huma aċċess għal faċilitajiet sportivi eċċ.

5.23.3. Il-Kunsill G. Micallef qal li huwa importanti li l-għaqdiet volontarji illi mhumiex strettament taż-żgħażagħ, għandhom isibu meżżi kif jattirawhom.

## 5.24.1. Mafkar lil Sammy Bartolo (M/9)

5.24.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat għall-popolarità li kien u għadu jġawdi l-kantant Sammy Bartolo. Hija pproponiet li l-Kunsill iwaqqaf monument sabiex ifakkar il-memorja tiegħu.

5.24.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-proposta tirrikjedi aktar diskussjoni fid-dawl tal-fatt li diġa teżisti triq imsemmija għalih.

## 5.25.1. *Chewing gum bins* (T/3/4)

5.25.2. Il-Kunsillier R. Bartolo Cutajar ssuġġeriet li tinġieb stima dwar introduzzjoni ta' *chewing gum bins* mal-*litter bins* tal-iskart eżistenti.

5.25.3. Il-Kunsill approva s-suġġeriment.

## 5.26.1. Proġett iffinanzjat taħt il-programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/35)

5.26.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li attwalment qed jinġabar tagħrif u jsiru kuntatti sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni għal finanzjament ta' proġett bl-isem "LGBTIQ Rights at the Heart of the E.U" minn fondi Ewropej. Dan jinvolvi ż-żgħażagħ u jippromwovi tradizzjonijiet flimken ma' imsieħba minn pajjiżi oħra. Kompla jgħid li t-tema tittratta l-evoluzzjoni tat-tieġ Malti dak tal-imsieħba li ser jipparteċipaw fih. Il-muniċipalitajiet mistiedna jieħdu sehem huma Amata (Latvia), Casalborgone (Italja), Cugir (Rumania). Għalkemm il-Mellieħa ser tkun l-imsieħed ewlieni, il-proġett ser jitwettaq f'Casalborgone. Id-data tal-għeluq ta' l-applikazzjonijiet hija l-1 ta' Ottubru 2019.

5.26.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 6.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg illi tgħid:

*"Billi fis-Seduta Nru. 103 tas-Seba' Kunsill tat-13 ta' Novembru 2018 kien ġie deċiż li jiżdied impjegat ieħor fi Skala 15 mas-segretarjat tal-Kunsill;*

*Billi l-Artiklu 53(1)(a) tal-Att dwar Kunsilli (Kap. 363) jipprovdi li l-Kunsill għandu jaħtar lil dawk l-impjegati l-oħra, apparti s-Segretarju Eúekuttiv, li l-Kunsill jidhirlu meħtieġa għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Kunsill;*

*Billi wara konsultazzjoni mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-Aġenzija Jobsplus ġew intervistati numru ta' kandidati mill-bordijiet maħtura mill-Kunsill fis-Seduta Nru. 106 tas-Seba' Kunsill tad-29 ta' Jannar 2019, u fis-Seduta Nru. 3 tat-Tmien Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2019;*

*Billi l-Bord tal-Għażla, fir-rapport tiegħu tat-28 ta' Awwissu 2019 irrakkomanda l-impjieg tas-Sinjorina Petra Caruana (I.D. 351985M) wara li saru l-intervisti u test prattiku;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jsir kuntratt tax-xogħol definit, għall-perjodu ta' tliet snin mal-persuna imsemmija, suġġett għal żmien ta' prova ta' sitt xhur b'effett mill-1 ta' Ottubru 2019, skont kif stabbilit fl-Artiklu 27(ċ) tar-Regolament dwar Riżorsi Umani (Kunsilli Lokali) – L.S.363.20.".* (P/7/1/Vol VIII)

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 7.1. Tħejjijiet għall-Animal Fest 2019 (A/5/3/Vol XII)

7.2. Il-Kunsillier M. Abela ppropona li din l-attività tiġi posposta għal nhar il-Ħadd 27 ta' Ottubru 2019.

7.3. Il-Kunsill qabel li d-diskussjoni dwarha għandha titkompla fis-seduta li jmiss.

## 8.1. Użu tal-faċilitajiet fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fit-22 ta' Awwissu 2019 saret laqgħa mal-President tal-Mellieħa Tritons Sports Club is-Sur H. Fenech, li attendew għaliha s-Sindku D. Vella, il-Kunsillier K. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Fl-istess laqgħa, in-naħa tal-Kunsill spjegat li l-Mellieħa Sports Club talab li juża l-faċilitajiet fil-Park tal-Familja sabiex isir it-taħriġ mit-tim tal-basketball fi ħdanu - Mellieħa SC Libertas Spalding Team. Jidher li dan l-pass ittieħed billi l-Mellieħa Tritons m'għadhomx jiffunzjonaw bħala assoċjazzjoni sportiva. Is-Sur Fenech ġie nfurmat li l-Kunsill jixtieq ikun infurmat x'ser jiġri mit-tagħmir li hemm, kif ukoll mill-kamra li kienet tintuża bħala sede tal-istess assoċjazzjoni.

8.3. Permezz ta' ittra tal-4 ta' Settembru 2019, mibgħuta mill-Mellieħa Tritons, li ġiet moqrija sħiħa waqt is-seduta, fost affarijiet oħra ntqal li:

(a) Il-klabb ser ikompli jiffunzjona;

(b) Ma jaqblux li mhux ser ikun possibbli jsir taħriġ mit-tfal tan-*nursery* nhar ta' Ġimgħa bejn il-5:15pm u s-6:15pm, peress li ilhom jagħmlu hekk diversi snin;

(c) It-tagħmir għandu jibqa' fil-Park tal-Familja u jintuża biss bil-permess tal-klabb;

(d) Kemm-il darba l-Kunsill jibqa' jinsisti li jieħu lura l-kamra mislufa taħt il-*court*, għandu jingħata żmien raġġjonevoli biex din titbattal.

8.4. Il-Kunsill ħa nota tal-punt (a) ukien lest li jagħti l-benefiċċju tad-dubju dwar jekk il-Federazzjoni tal-Basketball tirrikonoxxix żewġ klabbs f'lokalità waħda, peress li l-basketball huwa d-dixxiplina ewlenija prattikata mit-Tritons Sports Club.

8.5. Dwar il-kwistjoni tal-ħin imsemmija fil-kundizzjoni (b), il-Kunsill dehrlu li mgħandux ikun hemm problema li jinstab ħin fl-orarju tal-kustodju meta jkun jista' isir taħriġ mit-Tritons.

8.6. Rigward il-kundizzjoni (ċ), fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill huwa l-entità li tmexxi l-Park tal-Familja, għandu dritt jesiġi li t-tagħmir tat-Tritons jinħareġ barra 'l *court* kull darba li jintemm l-użu tiegħu mill-istess klabb. Minkejja dan, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-prattiċità titlob li t-

tagħmir għandu jitħalla fil-post, irrispettivament minn jużaħ, iktar u iktar meta dan jintuża biss waqt l-orarju tal-kustodju nkarigat mill-Park. Din il-pożizzjoni ġiet addottata mill-Kunsill ukoll abbażi tal-fatt li dan it-tagħmir ingħata lit-Tritons minn fondi pubbliċi.

8.7. Fir-rigward tal-paragrafu (d), il-Kunsill iddeċieda li l-kamra okkupata mit-Tritons fid-*dressing rooms* għandha titbattal sat-30 ta' Settembru 2019 u jiġu ritornati ċ-ċwievet lura lill-Kunsill.

8.8. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li sakemm tiġi riżolta l-kwistjoni dwar l-użu mgħandux jintuża t-tagħmir tat-Tritons, mill-Mellieħa SC Libertas Spalding Team.

## 9.1. Rendikont Finanzjarju – Mejju / Ġunju 2019 (F/1/1/Vol II)

9.2. Is-Segretarju spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Ġunju 2019 kien jammonta għal €679,324, filwaqt li kien hemm nefqa ta' €658,463, u hekk irriżulta bilanċ pożittiv ta' €11,861.

9.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti (*Current Asset*) żdied fl-ewwel sitt xhur tas-sena u kien jammonta għall-€1,303,298 (Marzu 2019 - €1,207,806), li €1,207,806 minnhom kienu flus miżmuma f'kontijiet bankarji, €186,664 huwa ammont li l-Kunsill kellu jdaħħal, €20,452 huma *stocks* ta' kotba. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti (*Current Liabilities)* żdiedu fil-livell ta' €695,714 (Marzu 2019 - €433,235). Dawn jikkonsistu minn kontijiet pendenti (*Payables*) li jidhru fuq il-kotba, kif ukoll stima ta' spejjeż (*accruals*) fuq servizzi jew materjal mixtrija li kienu għadhom ma jidhrux fuq il-kotba.

9.4. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja (ISF) ta' 55% - tnaqqis ta' 15% fuq il-perċentwali reġistrat fil-kwart preċedenti.

9.5. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir (*Plant and Equipment*), bejn Jannar u Ġunju, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €255,248 f'Assi Permanenti (*Fixed Assets*).

9.6. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati sal-aħħar ta' Ġunju 2019 kien ta' €9,574,644, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa tmiem l-istess xahar, il-valur nett tagħhom fil-Kotba (*Net Book Value*) kien ta' €3,168,098.

9.7. Fid-dawl tan-nefqa ta' €30,066 marbuta mas-servizz tal-*minibus shuttle* li tħaddem sakemm kien għaddej ix-xogħol fuq ir-rikostruzzjoni, is-Segretarju ppropona l-approvazzjoni ta' *virements* biex supplimentaw il-vot 2721, skont kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| 2311(7) | Skalli u Mollijiet | €4,000 |
| 2316 | *Bus Shelters* | €8,000 |
| 3053 | Latrini Pubbliċi | €9,000 |
| 3140 | Servizzi Legali | €9,000 |

9.8. Il-Kunsill approva l-*virements* proposti fil-minuta 9.7 aktar 'il fuq, kif ukoll ir-rapport, u talab li jiġi ppubblikat permezz tas-sitt elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

## 10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 10 ta' Settembru 2019.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-10 ta' Awwissu u d-9 ta' Settembru 2019.

10.5. Tressqet wkoll b'mod separat, skeda ta' infieq li sar perezz tal-*Petty Cash* bejn it-23 ta' Lulju u t-23 ta' Awwissu 2019.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fil-10.20 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta l-1 ta' Ottubru 2019 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |